MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1172/2003

**Tonio Borg u Joseph Aquilina in rapprezentanza tal-Azienda Abbot Choce**

**vs**

**Saviour sive Salvu Grima**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, erbgha mija u tmintax il-lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1418.20) rapprezentanti mport ta' sebgha (7) kambjala li gew iffirmati minnhu u li skadew fit-23 ta' Dicembru 2000, fit-23 ta' Jannar 2001, fit-23 ta' Frar 2001, fit-23 ta' Marzu 2001, fit-23 ta' April

2001, fit-23 ta' Mejju 2001 uf fit-23 ta' Gunju 2001 kull wahda fl-ammont ta' Lm202.60, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi interpellat u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 22 ta' April 2003 u tal-parir (Lm15.00) kontro l-konvnenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull skadenza u li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, erbgha mija u tmintax il-lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1418.20) bl--imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Ittra ufficjali data 22 ta' April 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------